MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru. 906/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Emanuela Micallef**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Emanuela Micallef nee' Catania ta' 43 sena, bint Antonio Catania u Maria Catania nee' Pullicino, imwielda Pieta' fit-13 ta' Awwissu, 1966 u residenti 'Renlil' Triq tal-Qattus, Birkirkara u detentrici tal-karta tal-identita' numru 0341566(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar il-31 ta' Mejju 2010 ghall-habta ta' '12.45 Hours' gewwa Southern Fried Chicken, Triq Salvu Psaila, Birkirkara u f'inhawi ohra f'Malta

1. Ikkommettiet serq ta’ propjeta cioe’ is-somma ta’ €1,000 (flmus kontanti) ghad-dannu ta’ Cedric Borg li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 0236676(M) liema serq hu aggravat bil-valur ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar min elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€232.94) (-Art 267).

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Novembru 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li ghandha fedina penali netta kif ukoll il-fatt li l-imputata hallset lura lill-parti civili l-ammont kollu koncernat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------